TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 109

KAZ NRU 138

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina Carmen Falzon
u
Messrs Agio Tobacco Company Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 17 ta' Novembru 1981.

Chairman : A. Debono, C.P.A.A.

B'ittra tat-12 ta' Gunju, 1981, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol Kultura u Ghajnuna Socjali irreferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sinjorina Carmen Falzon mid-Ditta ta' l-Agio Tobacco Company Limited ta' Bulebel Industrial Estate, Zejtun, tkeccija li l-appellant tallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom l-appellant deher ghaliha is-Sur Angelo Bartolo, waqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur Francis Dodebier, General Manager tal-Kumpanija u mghejjun minn Miss Marvic Attard, Personnel Manager ta' l-istess Kumpanija.

3. Statement of Case

Ghall-appellant - Is-Sinjorina Carmen Falzon gie sottomess li nhar it-Tlieta 2 ta' Gunju 1981, irrapportat lill-fabbrika permezz ta' ommha, Mrs Jessie Falzon, li hija

/2. .....

ma kienetx tiflah u ghalhekk kienet se tkun assenti mix-xoghol. Dan ir-rapport sar bil-procedura normali stabbilita u sar lill-fabbrika qabel it-8.00 a.m. Ghalkemm is-Sinjura Jessie Falzon kienet ittelefonat il-fabbrika kuljum fuq il-marda ta' l-appellant, it-tabib tal-Kumpanija, Dr L. Deguara M.D., mar id-dar ta' Carmen.Falzon nhar il-Hamis 4 ta' Gunju 1981, fis-1.15p.m. u wara li raha fuq fuq qalilha li setghet tidhol ghax-xoghol u anke biex taqbad u tmur ghax-xoghol dak il-hin stess. Izda l-appellant wiegbet li t-tabib li minbarra li hi ma kienetx ghadha thossha f'sikkitha u kienu qorbu is-1.30p.m. u anke minhabba diffikultajiet tat-trasport mill-Isla ghall-fabbrika f'Bulebel f'dawk il-hinijiet, hi kienet ser tidhol ghax-xoghol l-ghada, il-Gimgha 5 ta' Gunju 1981. It-Tabib qalilha "All right" u qabad u kiteb certifikat u halliehulha. Izda meta s-Sinjorina Falzon qrat ic-certifikat, indunat li t-tabib kiteb biex tidhol ghax-xoghol dak il-hin stess. Hi qalet lit-tabib : "Mela mhux ghada ghamiltuli li nidhol? " u Dr Deguara rrispondiha "Ghax int bhalissa m'ghandekx biex tmur, hux?" Mela ara x'taghmel, la issa c-certifikat lest, cempel il-fabbrika u rranga maghhom sabiex tidhol ghax-xoghol ghada."

Dak il-hin stess is-Sinjura Lora Falzon, il-mara ta' hu l-appellant, ittelefonat il-fabbrika u nfurmathom b'dak li kien gara, izda l-Management qalilha li la c-certifikat kien fih li kellha tidhol dak il-hin, allura s-Sinjorina Carmen Falzon kellha taghmel hekk. Izda minhabba r-ragunijiet li l-appellant kienet tat lit-tabib, hija ddecidiet li kien impossibbli li tidhol ghax-xoghol dak in-nhar.

L-ghada filghodu, l-Gimgha, 5 ta' Gunju, 1981, meta s-Sinjorina Carmen Falzon marret ghax-xoghol, wara li tat

ic-certifikat lis-Supervisor, il-General Manager, Mr F. Dodebier qalilha li hi kienet naqset mid-dmirijiet taghha meta ma dahletx ghax-xoghol u minghajr ma taha l-opportunita' li tiddefendi ruhha, qabad u taha ittra (li kienet diga ppreparata)tat-terminazzjoni tax-xoghol minn dak il-hin stess.

L-ittra tat-terminazzjoni kien fiha li s-Sinjorina Carmen Falzon kienet "missing from work the previous 2 days" qabel il-Hamis, 4 ta' Gunju, 1981. Dan assolutament mhu minnu xejn, sostniet l-appellant, ghaliex il-Management kien jaf illi hi rrapurtat fil-jumejn ta' qabel li hi kienet ma tiflahx u ma kienx it-tort taghha li t-tabib ma marx jinvista qabel skond il-procedura normali.

L-appellant enfasizzat illi l-iskop tal-kumpanija kien li jbezza lill-haddiema tal-fabbrika halli ma jkomplux jissiehbu f'Union u fl-istess waqt biex jaqta' qalb il-maggoranza tal-haddiema li dak in-nhar tat-tkeccija tas-Sinjorina Falzon kienu diga' dahlu membri fil-Union.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, kif ukoll l-azzjoni arbitrarja li ha l-General Manager, it-tkeccija tas-Sinjorina Falzon mill-impieg taghha ma kienetx ghal raguni tajba u gusta u ghalhekk hija ghandha titqies li baqghet validament fl-impieg taghha mal-kumpanija u dan ukoll minghajr l-ebda telf ta' paga.

4. <u>Ghall-Kumpanija</u> : Mr F. Dodebier u Miss Marvic Attard issottomettew li s-Sinjorina Carmen Falzon bdiet tahdem mal-Kumpanija fit-28 ta' Jannar 1980 fejn kompliet tahdem sal-5 ta' Gunju 1981, meta l-impieg taghha gie terminat.

F'dan il-perijodu l-appellant giet moghtija diversi warnings mill-kumpanija kemm verbali kif ukoll bil-miktub ghal ragunijiet ta' assenza minn fuq ix-xoghol minghajr permess, produzzjoni baxxa u ghall-atteggjament taghha ma' shabha.

Ic-cirkostanzi li fihom il-kumpanija kellha twissi lis-Sinjorina Falzon kienu dawn:

i) Fil-15 ta' Lulju 1980 - Verbal Warning talli naqset li tirrapporta ghax-xoghol u meta mar ghandha t-tabib tal-kumpanija dan ma harigx certifikat mediku sabiex jiggustifika l-assenza taghha.

ii) Fl-14 t'Ottubru 1980 - Written Warning minhabba l-produzzjoni baxxa - dan kien wara z-zmien tal-prova u wara li kienet diga nghatat zewg verbal warnings fuq l-istess suggett f'perijodu ta' tmien gimghat. Minkejja dan kollu l-produzzjoni baqghet baxxa tant li l-Management kellu jaghtiha zewg (2) verbal warnings ohra u fil-5 ta' Frar, 1981, taha written warning iehor dejjem fuq l-istess suggett cioe' produzzjoni baxxa.

iii) Fis-7 t'April 1981, l-appellant kienet involuta fi glieda ma tfajla ohra fil-fabbrika u z-zewg tfajliet gew moghtija Written Warning.

iv) Fit-2 ta' Gunju 1981, is-Sinjorina Falzon ma' marretx ghax-xoghol izda nfurmat lill-kumpanija li kienet ma tiflahx. Hi ma marritx ghax-xoghol ukoll fit-3 u l-4 ta' Gunju. Izda meta fl-4 ta' Gunju 1981 fis-1.15p.m. it-tabib tal-kumpanija mar izur lis-Sinjorina Falzon u ccertifikaha li kienet

"fit for duty" u giet avzata mit-tabib li kellha l-obbligu li tirraporta ghax-xoghol dak in-nhar stess, hi nfurmatu li hi ma kelliex ghalfejn tidhol ghaliex il-hin tax-xoghol taghha kien jispicca fl-4.15p.m. Il-Kumpanija ssoktat tghid illi omm Miss Carmen Falzon (fix-xnieda rrizulta li fil-fatt kienet il-mara ta' hu l-appellant u mhux ommha) complet lil Management tal-kumpanija u giet infurmata illi jekk l-appellant tidhol ghax-xoghol dak in-nhar stess, il-kumpanija kienet lesta li tikkunsidra l-hin li hi ghamlet id-dar fl-4 ta' Gunju bhala paid sick leave, waqt li tithallas ukoll ghax-xoghol li kienet tilhaq taghmel dak in-nhar; fl-istess waqt il-Management ghamilielha cara wkoll li jekk l-appellant ma tidholx ghax-xoghol dak in-nhar stess kienu ser jittiehdu passi kontra taghha peress li dan kien ifisser li hi kienet naqset li tirraporta ghax-xoghol minghajr permess. Minkejja dan is-Sinjorina Falzon ghazlet li ma tidholx ghax-xoghol fl-4 ta' Gunju.

In konsiderazzjoni ta' din l-imgieba u minhabba l-attitudni ta' l-appellant lejn ir-regolamenti tal-kumpanija u d-diversi warnings li Miss Falzon kien diga kellha, il-kumpanija tterminat l-impieg taghha ghaliex hasset li kellha raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

## 5. LISTA TA' DOKUMENTI SOTTOMESSI

i) Avviz tal-kumpanija bid-data 21 ta' Settembru 1973 - lista ta' 8 ismijiet nominati ghal Advice Committee - votazzjoni ta' 24 ta' Settembru 1973 (Dok.8)

ii) Avviz tal-kumpanija No. 6 bid-data ta' 24 ta' Settembru 1973 - l-ismijiet taz-zewg rapprezentanti Maghzula (Dok 8A)

iii) Avviz tal-kumpanija No. 82 bid-data 3 ta' Gunju 1980 - rigward l-elezzjoni tas-sitta ta' Gunju 1980 ghal rapprezentanti biex iservu fuq in-New Advice Committee (Dok.9)

iv) Avviz tal-Kumpanija No.83 bid-data ta' 5 ta' Gunju 1980 - Lista ta' sitt (6) ismijiet nominati ghal Advice Committee - votazzjoni tas-6 ta' Gunju 1980 (Dok. 9A)

v) Rizultat tal-elezzjoni li saret nhar is-6, 9 u 10 ta' Gunju 1980 (Dok. 10)

vi) Kopja tal-"Plantagio" No.5 bid-data Lulju 1980 "What Goes On?" Riproduzzjoni tar-rizultat tal-elezzjoni tal-Membri tal-Advice Committee, li saret fix-xahar ta' Gunju u l-funzjonijiet tal-Advice Committee (Dok. 11)

vii) Lista tal-Preliminary Counting tal-votazzjoni li saret nhar l-24 t'April 1981 (Dok. 12A)

viii) Avviz tal-Kumpanija No.97 bid-data 27 ta' April 1981 - Rizultati ta' l-elezzjoni ta' l-24 t'April 1981 - biex intela' post vakanti fl-"Advice Committee." (Dok. 12)

ix) First letter of warning - mill-kumpanija bid-data 14 t'Ottubru 1980 rigward produzzjoni baxxa. (Dok. 3C)

x) Second letter of warning - mill-kumpanija bid-data 5 ta' Frar 1981 - rigward produzzjoni baxxa (Dok. 3A)

xi) Lista tal-kumpanija ta' l-livell ta' produzzjoni tas-Sinjorina Carmen Falzon matul il-perijodu hamsa (5) ta' Mejju 1980 u 29 ta' Mejju 1981 u ta' l-"average production level" tar-wrapper Dept. (Dok. 3B)

xii) Ittra tal-kumpanija bid-data ta' 8 ta' April 1981 lis-Sinjorina Carmen Falzon rigward glieda li nqalghet nhar is-7 ta' April 1981 (Dok. 3D)

xiii) Certifikat minn Dr L Deguara, M.D. bid-data ta' l-4 ta' Gunju 1981 li Miss Carmen Falzon "is fit for duty today. To resume work at 1.15p.m." (Dok. 6)

xiv) Certifikat minn Dr L. Deguara M.D. bid-data ta' 1-4 ta' Gunju 1981, li Miss Zammit Anna "is fit for duty today. To resume work at 1.45p.m." (Dok. 4A)

xv) Job Card tas-Sinjorina Anna Zammit (Dok. 4)

xvi) Ittra mill-kumpanija bid-data tal-5 ta' Gunju 1981 lis-Sinjorina Carmen Falzon rigward it-terminazzjoni ta' l-impieg taghha (Dok. 13)

xvii) Ittra mill-kumpanija bid-data ta' 5 ta' Gunju 1981, lid-Direttur tax-Xoghol rigward kaz ta' tkeccija li saret nhar il-5 ta' Gunju 1981 (Dok. 14)

xviii) Ittra tas-Sur Angelo Bartolo, Segretarju Chemicals and General Workers' Section, tal-G.W.U. bid-data 6 ta' Gunju 1981 lill-Onor. Miss A. Barbara - Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali, dwar nuqqas ta' qbil bejn l-Agio Tobacco Company Ltd. u l-General Workers' Union rigward it-tkeccija tas-Sinjorina Falzon (Dok. 15)

xix) Verzjoni ta' Doreen Scicluna bid-data ta' 9 ta' Gunju 1981, rigward glieda bejn Carmen Bugelli u Carmen Falzon nhar is-7 t'April 1981 (Dok. 5D)

xx) Verzjoni ta' Angela Cauchi bid-data 9 ta' Gunju 1981, rigward l-ingieba ta' Carmen Falzon (Dok. 5C)

xxi) Verzjoni ta' Doris Debono bid-data 9 ta' Gunju 1981 rigward l-ingieba ta' Carmen Falzon (Dok. 5A)

xxii) Verzjoni ta' Carmen Bugelli bid-data ta' 9 ta' Gunju 1981, rigward il-provokazzjonijiet ta' Carmen Falzon u kif hi (Carmen Bugelli) "tat daqtejn" lil Carmen Falzon (Dok. 5B)

xxiii) Certifikat minn Dr L. Deguara M.D. bid-data ta' 1-10 ta' Gunju 1981, rigward is-Sinjorina Carmen Falzon. Dan ic-certifikat gie kkonfermat bil-gurament fis-seduta tat-Tribunal ta' nhar it-13 t'Ottubru 1981 (Dok. 3E)

xxiv) Technical Assistance Form (Dok. 7)

xxv) Industrial Agreement between Agio Tobacco Company Ltd and the Advice Committee October 1980 - January 1984 (Dok. 1)

xxvi) Applikazzjoni ta' Miss Carmen Falzon ghas-shubija mal-General Workers' Union bid-data 14 ta' Marzu 1981 (Dok. 16A)

6. Instemghu dawn ix-xhieda :

A. Ghall-appellant :

i) Mrs Lora Falzon

ii) Mr Carmelo Tagliaferro - Technician mal-Agio Tobacco Company Ltd.

B. Ghall-kumpanija :

i) Dr Louis Deguara, M.D. - Tabib tal-Kumpanija

ii) Mr David Bianchi - Head of Binding Dept.

iii) Mr F. Dodebier - General Manager, Agio Tobacco Company Ltd.

iv) Mr Paul Sapiano - Chief Maintenance Engineer

v) Miss Marvic Attard - Personnel Manager

7. Xhieda fil-Qosor :

i) Miss Lora Falzon (Kunjata ta' l-appellant)

Ikkonfermat illi s-Sinjorina Carmen Falzon nhar l-4 ta' Gunju kienet marida, u meta t-tabib ordnalha tmur ghax-xoghol fis-1.30p.m. hi kienet tidher li ghadha ma tiflahx li tmur dak il-hin, u t-tabib allura qalilha li ma kienx hemm ghalfejn tmur ghax-xoghol dak in-nhar imma tmur l-ghada.

Ix-xhud qalet illi kienet hi u mhux omm l-appellant li ttelefonat il-kumpanija u nfurmathom li dak in-nhar fis-1.15p.m. it-tabib ordna lis-Sinjorina Carmen Falzon biex tmur ghax-xoghol, imbaghad qalilha biex tidhol l-ghada. Il-Personnel Manager irrispondietha li dak li jinteressha hu c-certifikat tat-tabib u meta x-xhud spjegatilha li s-Sinjorina Falzon ghadha marida, il-Personnel Manager

qaltilha biex taqbad il-karozza u tmur ghax-xoghol. Ix-xhud temmet it-telefonata billi qalet lil Personnel Manager li dak il-hin ma jkunx hemm trasport u minn naha tal-kumpanija rrispondewha li l-appellant kien diga kellha warning u allura trid tara x'taghmel biex tmur ghax-xoghol ghaliex jekk ma tmurx, l-ghada l-kumpanija kienet trid tara x'taghmel.

ii) <u>Is-Sur Carmelo Tagliaferro</u>

Is-Sur Tagliaferro qal li meta l-Management sar jaf li kien hemm moviment fost l-impjegati biex jissiehbu fil-General Workers' Union, is-Supervisors ma kienux hallew aktar il-mechanics jitkellmu mat-tfajliet biex jirrangawlhom il-hsarat li l-magni kienu jizviluppaw, ghaliex kienu jahsbu li kienu jkunu jitkellmu fuq affarijiet tal-Union. Difatti wahda mit-tfajliet ghaliex kienet kellmet lit-technician biex tispjegalu fuq il-fault li zviluppatilha fil-magna, giet moghtija warning.

Rigward dan is-suggett, ix-xhud kompla jghid illi kienu hargu struzzjonijiet minn ghand is-Section Head, biex it-technicians ma jkellmu lil hadd l-anqas lil technicians ohra.

Biex juru kemm il-kumpanija kienet pregudikata fuq il-Union, is-Sur Tagliaferro qal illi darba wiehed mill-Assistant Technicians kien tah karta personali(b'xi noti fuq ix-xoghol konness ma' tad-dar tieghu) illi hu pogga fil-but tal-qmis u nzerta li s-Sur Pawl Sapiano (Section Head) induna b'din il-karta u ghajjatlu fl-ufficcju u kif appena x-xhud kien ser jaghlaq il-bieb is-Sur Sapiano tawwal idejh ghal gol-but tas-Sur Tagliaferro biex jehodlu l-karta, u heddu illi kien jaf dik il-karta x' kien fiha u alluda li kienet "karta tal-Union".

/10. .....

Meta xi xhur ilu kienet qeghda ssir il-votazzjoni ghal Advice Committee, is-Section Head mar fuqu u qallu biex imur jivvota u ghaliex ix-xhud irrifjuta li jmur jivvota s-Section Head qallu biex imur jghid lil Miss Attard li kienet hdejn il-bank fejn kienet qeghda tiehu nota ta' min kien qieghed jidhol jivvota. Hi qaltlu biex jidhol jivvota u jitfa' l-vot vojt u meta hu rrifjuta jaghmel dan, hi qaltlu "mela all right". Ix-xhud kif gharlu lilu "jahseb li kien hemm intimidazzjonijiet fuq it-tfajliet li forsi jibzghu "naqra aktar minn ragel". Id-distanza minn fejn kienet qeghda tiehu n-noti Miss Attard u l-bieb mnejn jidhlu jivvotaw kienet qasira wisq. Kien hemm okkazjonijiet meta s-Supervisors qassmu xi karti lit-tfajliet biex dawk li ma kienux fil-Union jiffermawlhom. Tal-Union gibdu l-attenzjoni tas-Supervisors kemm-il darba biex dawn l-affarijiet jieqfu, izda dawn baqghu jirrepetu ruhhom ta' kuljum.

Dak in-nhar li l-Union ghamlet strike ta' protesta minhabba l-attitudni negattiva tal-Management, Mr Dodebier qalilhom "jekk intkom bi hsiebkom taghmlu din il-protesta ahna hawnhekk m'ahniex Menrad (kumpanija Germaniza) - imma ahna rasna iebsa izjed mill-Germanizi; anzi hawn 50 tfajla on probation u jekk se taghmlu siegha protesta nkecciehom."

Is-Sur Tagliaferro qal illi Mechanic bilfors ikun involut f'diskors mat-tfajliet ghaliex is-Supervisors m'humiex teknici, allura biex jevitaw hela ta' zmien biex jiccekkjaw ghal faults, jistaqsu lill-Operators jew lis-Supervisors ghad-dettalji tal-faults. Izda hu kkonferma li minn dejjem kellhom istruzzjonijiet li jekk iridu jaghmlu xi haga li ma ghandiex x'taqsam max-xoghol taghhom, jinhtigielhom jitolbu permess.

/11. .....

Skond ix-xhud, in-noti li Miss Attard kienet tiehu waqt il-votazzjoni kienu jikkonsistu "fl-employee number" ta' dawk il-haddiema li kienu ser jivvutaw. Ix-xhud qal ukoll illi ma setghax jghid jekk fil-kamra li kienu jidhlu l-haddiema jivvutaw kienx hemm xi hadd jew le ghaliex hu ma dahalx jivvota; li kien jaf hu li l-post tal-votazzjoni kien ezatt wara dahar Miss Attard.

Is-Sur Tagliaferro ma jiftakarx id-data ta' l-istrajk izda jaf li l-gurnata kienet il-Gimgha u kien qabel ix-"shut down".

iii) Dr Louis Deguara, M.D.

Cahad illi hu accetta li s-Sinjorina Carmen Falzon tidhol ghax-xoghol l-ghada wara li spjegatlu li hi kienet ghadha mhiex f'sikkitha u minhabba diffikultajiet tat-traffiku.

Konfront bejn is-Sinjura Lora Falzon u Dr Louis Deguara

Is-Sinjura Lora Falzon xehdet li t-tabib qal lis-Sinjorina Carmen Falzon biex tmur ghax-xoghol l-ghada u tittelefona lill-kumpanija u tghidilhom b'dan.

* * * * * * * *

Dr Deguara kkonferma c-certifikat li ghamel fuq l-appellant. Rigward ir-rimarka li l-appellant ghamlet fl-istatement of case, cioe' li t-tabib ezaminaha fuq fuq : Is-Sinjorina Falzon kienet qaltlu li "kollha msarina u l-istonku taghha mdardar," per konsegwenza meta ezaminalha zaqqha deherlu li kien bizzejjed u ma kellux ghalfejn jezaminaha kollha kemm hi u probabilment dak li riedet tghid fl-istatement of case bl-espressjoni "fuq fuq".

Dr Deguara zied jghid li meta kien hareg mid-dar ta' l-appellant rega' dahal u s-Sinjorina Falzon qaltlu li kienu saru s-1.15p.m. hu qalilha li dak mhux il-kompitu tieghu, tant hu hekk li kieku qallha biex tidhol l-ghada ma kienx jghidilha biex iccempel il-fabbrika u tistaqsi d-direttiva tal-Personnel Manager. Dak li jirrigwardja lilu bhala tabib, hu kompla jghid, u li jiccertifika jekk hi kienetx "fit" jew le. Jekk tirrezuniex ix-xoghol dak il-hin jew le minhabba kwistjonijiet ta' traffiku ma hiex bicca xoghol tat-tabib. Dak in-nhar kien hemm persuna ohra mix-Xghajra ta' Haz-Zabbar u raha wara 1.30 p.m. u wkoll ma kienetx iccertifikata jigifieri sabha "fit for duty" u li skond ir-records tieghu kienet dahlet ghax-xoghol dak il-hin.

Dr Deguara enfasizza li hu ccertifika l-istat tas-sahha ta' l-appellant kif kien dak il-hin, jigifieri fis-1.15p.m. u mhux kif kienet il-jumejn ta' qabel; setghet kienet veramment marida jumejn qabel, pero' dik ma kienetx kompetenza tieghu la ma rahiex qabel.

iv) Is-Sur David Bianchi : li bhala Head tal-Binding Department spjega l-procedura ta' kif jigu ttrattati l-kazijiet tal-mard u meta tfajla ma tigix iccertifikata marida, il-Personnel Manager iccempillu u tghidlu li t-tfajla li ma gietx certifikata ghandha mnejn tidhol ghax-xoghol u meta jigri hekk u tidhol ghax-xoghol hadd mill-istaff ma jkellimha. Izda jekk ma tidholx, l-ghada fil-ghodu jinforma lil Personnel Manager biex ikellmuha flimkien. Minn ghalih xi sena ilu is-Sinjorina Falzon kellha kaz bhal dan.

Meta tfajla ma tilhaqx il-minimum standard tal-produzzjoni ghal certu ginghat repetutament, jghajtilha flimkien mas-Supervisor taghha u jaghtiha verbal warning u jekk dik it-tfajla terga' ma tlahhaqx il-minimum standard ghal

drabi ohra, imbaghad jaghtuha Written Warning. Lis-Sinjorina Falzon kienu ghajtulha sitt darbiet in konnessjoni mal-produzzjoni baxxa u tawha erba' Verbal u zewg written warnings.

Is-Sur Bianchi imbaghad irrefera ghall-incident li kien inqala' nhar it-8 t'April 1981 meta s-Sinjorina Carmen Falzon u s-Sinjorina Carmen Buggelli kienu nvoluti fi glieda fil-locker rooms. Mill-investigazzjoni li huwa kien ghamel, irrizulta illi s-Sinjorina Bugelli kienet l-ewwel wahda li bdiet il-glieda izda din kienet ipprovokata mis-Sinjorina Falzon allura z-zewg tfajliet ikkoncernati gew moghtija written warning.

Rigward l-erba' (4) ta' Gunju, ix-xhud qal illi hu kien gie nfurmat, li s-Sinjorina Carmen Falzon ma kienetx giet iccertifikata u allura ektarx li kellha tidhol ghax-xoghol. L-ghada 5 ta' Gunju meta gie terminat l-impieg tas-Sinjorina Falzon, ix-xhud kien prezenti meta s-Sur Dodebier ghajjat lis-Sinjorina Falzon fl-ufficcju tieghu. Ix-xhud qal li s-Sinjorina Falzon qatt ma talbet biex tkun rapprezentata minn hadd, ghalkemm is-Sur Bianchi ma jiftakarx jekk il-Management gibdilhiex l-attenzjoni jekk riedetx tkun rapprezentata jew le. Meta giet mistoqsija jekk kelliex xi haga xi tghid hi rrispondiet fin-negattiv.

Rigward l-ahhar elezzjoni li saret ghal Advice Committee fid-dipartiment tieghu fejn hemm mal-200 ruh, kienu hargu xi tlett (3) kandidati, u l-ufficcju tas-Sur Bianchi ntuza bhala post tal-votazzjoni. Kull tfajla li tidhol kienet tigi moghtija l-vot iffirmat minn zewg kandidati u x-xhud kompla jghid "tghid isimha u n-numru taghha u huma jittikjawh u jiccekkjaw isimha u jaghtuha l-karta tal-vot. Tidhol u tivvota. Kellna kaxxa maghluqa issiggillata

tal-voti, u jixhtu l-vot taghhom hemm wahda wahda."

Fil-kamra tal-votazzjoni ma kien hemm hadd prezenti. La s-Sur Bianchi personali u l-anqas hadd iehor minn tad-dipartiment tieghu ma ghamlu pressjoni fuq il-votanti. Ir-raguni li x-xhud u l-Personnel Manager kienu jkunu hdejn il-post tal-votazzjoni l-aktar kien biex jassiguraw li kollox kien isir ghall-ordni. Ix-xhud kompla jghid li minn hadd u qatt ma saret pressjoni biex xi hadd jidhol jivvota jew ghamlu xi kummenti li setghu jinfluwenzaw l-opinjoni tal-haddiema, ghalkemm l-ufficcju li fih saret il-votazzjoni ghandu gholi ta' xi 3 piedi mjam mill-art u l-kumplament tal-hgieg. Il-votazzjoni kienet sigrieta ghaliex dawk li kienu l-aktar vicin il-kamra kienu daharhom lejn l-istess kamra.

Meta sar l-ghadd tal-voti, kien hemm l-istess kandidati u tfajliet ohra ndipendenti bhala xhieda tal-ghadd tal-voti.

Waqt il-votazzjoni, is-Sur Bianchi gieli kien ikun ftit metri vicin il-kamra tal-votazzjoni, izda dan ma kienx matul il-hin kollu tal-votazzjoni ghaliex hu kien ikun jippassigga. Ir-raguni li l-ufficcju tieghu ntaghzel bhala post ghal votazzjoni kien minhabba l-posizzjoni ideali tieghu. L-ufficcju tas-Sur Bianchi fih hames metri b'erba' metri u l-medja tal-votazzjoni kienet fuq in-naha ta' gewwa.

Matul l-investigazzjoni li saret meta l-appellant kienet involuta fi glieda mas-Sinjorina Bugelli, ix-xhud ma jiftakarx jekk hi riedetx tigi rapprezentata minn xi hadd waqt l-investigazzjoni, izda hi qatt ma talbet biex tkun rapprezentata minn xi hadd. Nhar l-4 ta' Gunju wara nofs in-nhar, il-Personnel Manager kienet cemplet lis-Sur Bianchi u nfurmatu li t-tabib ma kienx

iccertifika lis-Sinjorina Falzon bhala m rida u peress li s-Sinjorina Attard kienet spjegat fuq it-telefon lill-omm is-Sinjorina Falzon (li fil-fatt kienet is-Sinjura Lora Falzon) il-procedura tas-soltu u qaltlu wkoll li aktarx l-appellant kienet ser tidhol ghax-xoghol.

Rigward id-dritt ta' difiza u jekk il-Management gibitx l-attenzjoni ta' l-appellant biex tigi rapprezentatha minn xi hadd meta din giet moghtija r-Written Warnings u jekk dawn humiex il-proceduri tal-kumpanija, is-Sur Bianchi xehed illi gieli jistaqsuhom biex jaraw jekk l-Advice Committee jirrapprezentawhomx u gieli ma jistaqsuhomx, izda meta jinghata warning ikun hemm is-Supervisor li ghandha x'taqsam mas-Section tat-tfajliet.

L-ahhar written warning li nghata lis-Sinjorina Falzon kien fuq il-produzzjoni izda x-xhud ma jiftakarx jekk kienux gibdu l-attenzjoni ta' l-appellant jekk riedetx tigi rapprezentatha minn xi hadd jew le. Il-livell tal-minimum production li hija ta' 115 giet stabbilita fuq l-average ta' kulhadd u l-maggoranza l-kbira tal-impjegati jilhqu dan il-livell. Dawk il-ftit li ma jilhqux il-minimum level jigu mghajjta fl-ufficcju kull hmistax u jekk dan jissuccïedi repetutament, l-ewwel jaghtuhom Verbal warning, imbaghad jekk dawn ma jammeljorawx il-performance taghhom jew jekk wara zmien qasir jerggħu jwaqqghu l-produzzjoni repetutament, allura jinghatalhom written warning. Is-Sur Bianchi stqarr illi hu mhux ikkwalifikat fit-"Time and Motion Study" izda ilu jahdem fl-applikazzjoni ta' din is-sistema ghal dawn l-ahhar sitt snin.

Il-livell ta' produzzjoni gie stabilit fuq il-hinijiet

li huma mehudin mill-fabbriki kollha tas-sigarri u ilhom jintuzaw hawn halta matul dawn l-ahhar sitt snin.

v) Is-Sur Paul Sapiano : Chief Engineer

Is-Sur Sapiano beda biex spjega li t-technician jirranga l-hsara li l-magna tkun zviluppat skond kif ikun indikat fuq il-formula apposta bl-isem ta' "Technical Assistance Form" li tigi mimlija mis-Supervisor. Huwa spjega fid-dettal il-procedura stabbilita rigward it-tiswija tal-hsarat li jizviluppaw il-magni fil-Bobbing Department; fost hafna dettalji hu qal illi ma hemmx raguni biex tiggustifika li t-technicians joqghodu jitkellmu bejniethom jew mall-Operators. Is-Sur Sapiano qal illi matul l-ahhar hames xhur osserva li t-technicians bdew imorru minn section ghall-ohra bla bzonn u kellu jigbed l-attenzjoni tat-technicians ghal dan l-abbuz permezz tas-Senior Technician u sahansitra gieli mar hu stess biex jghidilhom li m'ghandhomx imorru barra minn posthom minghajr bzonn.

Ix-xhud zied jghid illi s-Sur Tagliaferro kien wiehed minn dawk li l-aktar kienu jigru mad-Dipartiment u kellu jigbidlu l-attenzjoni tieghu biex ma jkompliex jaghmel dan. Is-Sur Tagliaferro meta kien ikun irid jaghmel xi haga li mihiex fil-"line of work" tieghu mhux dejjem kien jitlob permess. Is-Sur Tagliaferro fost affarijiet ohra kien ta' spiss fis-1.50p.m. imur fl-entratura tat-toilet ta' l-irgiel biex ikellem lit-tfajliet li jkunu dehlin ghax-shift tas-2 p.m.

Rigward l-incident tal-karti li s-Sur Tagliaferro kellu fil-but tal-qmis, is-Sur Sapiano qal illi darba wahda waqt li hu kien diehel fil-workshop ra wiehed mit-technicians jaghti mazz karti sofor (recruiting sheets) lis-Sur Tagliaferro,

u kif indunaw li hu (is-Sur Sapiano) induna bihom, qaodu u twewhom malajr. Ic-Chief Engineer bhala bniedem responsabbli hass li ghandu jigbdilhom l-attenzjoni, u ghalhekk ghajjat lis-Sur Pagliaferro fl-ufficcju u qallu li m'ghandhomx isiru attivitajiet li m'ghandhomx x'jaqsmu max-xoghol. Is-Sur Pagliaferro innega din l-insinwazzjoni. Izda s-Sur Sapiano qallu li tant hu veru, li l-karti ghadhom hemmhekk fil-but tieghu (Pagliaferro). Ix-xhud issokta jghid illi mhux veru li s-Sur Pagliaferro offrielu biex jara l-karti u l-anqas hu ma staqsieh biex jurihomlu, izda semplicement ried jigbidlu l-attenzjoni biex ma jaghmilx affarijiet bhal dawn.

Is-Sur Sapiano xehed illi t-technicians kienu jaghmlu diskriminazzjoni bejn operators li kienu jmorrulhom il-magni bil-hsara, fis-sens illi kienu jaghmlu preferenza ma dawk l-operators li kienu jikkoperaw li jidhlu membri tal-Union biex permezz ta' dan il-mottiv dawk li ma riedux, jew kienu ghadhom qed jahsbuha jidhlux membri, kienu jitilfu l-opportunita' li jaqilghu l-bonus normali. Certi rgiel impjegati fil-Maintenance Engineering Department gieli marru ghand ix-xhud u qalulu li ma setghux jissaportu izjed l-atmosfera li nholqot fid-dipartiment u kienu jhossuhom "depressed" ghaliex shabhom ma kienux jikkoperaw maghhom, u kienu jistaqsuh kienux jistghu jidhlu membri tal-Union u s-Sur Sapiano kien jghidilhom illi huma liberi u l-ghazla u d-decizjoni kienet taghhom.

Is-Sur Sapiano xehed illi matul l-ahhar xhur "ir-repairs time factor" tela' ghal 7 u 8% minn 3% li jfisser li l-"Potential Productivity" tal-magni minn 97% nizlet ghal 92 - 93%. Is-Sur Pagliaferro kien jghaddi certi kummenti fuq il-kumpanija, u jiftakar li darba kien qallu li lilu (is-Sur Pagliaferro) hadd ma jista' jikkontrollah kemm idum

biex isewwi magna; kumment iehor li darba kien ghadda kien li l-kumpanija ma hiex tad-Diretturi izda tal-haddiema u "kif tirranja ruhha jiddeciedu l-haddiema u mhux il-Management" u f'diversi okkazzjonijiet is-Sur Tagliaferro kien qal lix-xhud "li ahna li rridu niehdu niehduh akkost li nkissru l-kumpanija u nitkissru ahna, imma dak li ghandna f'mohhna rridu niehduh."

Ghall-mistoqsija tal-appellant, ix-xhud ikkonferma li hu ghandu l-kwalifiki fil-grad ta' Chief Engineer.

Ix-xhud emfasizza illi bis-sistema tat-"Technical Assistance Form" meta magna tizviluppa hsara, u technician jiltaqgha ma xi diffikultajiet, hu jirreferi l-kaz lis-Senior Technician (u mhux lill-Operator) u jekk fil-kaz il-problema ma ssolviex ruhha jirreferu l-kaz lilu personali fil-kapacita' tieghu ta' Chief Engineer. Is-Sur Sapiano qal illi nhar il-24 ta' Lulju 1981, meta kien hemm strike ta' protesta, hu minn rajh u minghajr ebda pressjoni mill-membri l-ohra tal-management, kien tela' fuq il-bejt tal-fabbrika biex jigbed ritratti tal-haddiema li kienu barra.

Ix-xhud kompla jghid dan ghamlu ghaliex hu dilettant tal-fotografija u kellu kollezzjoni ta' ritratti tal-events kollha tal-kumpanija minn mindu fethet, u deherlu li okkazzjoni bhal dik ma kienx ta' min jitlifha.

Fil-kontro-ezami s-Sur Sapiano cahad illi hu kien ta' s-salt ghall-but tal-qmis tas-Sur Tagliaferro biex jehodlu l-karti, fl-incident li kien issemma aktar qabel; cahad kategorikament ukoll illi hu qatt ma bezza' xi haddiema jekk jidhlu membri tal-General Workers' Union.

Mr Carmelo Tagliaferro f'Konfront max-xhud:- irrepeta li dak in-nhar ta' l-incident tal-"karta safra", ic-Chief Engineer kien ghajjatlu fl-ufficcju u b'id wahda ghalaq il-bieb u bl-ohra tah is-salt ghall-but u s-Sur Tagliaferro qabadlu idu u qabdu argument fuq il-kontenut tal-karta jekk kienetx fuq il-Union jew le.

vi) Is-Sur Francis Dodebier li hu l-General Manager qal li l-Advice Committee gie mwaqqaf f'Settembru 1973 u l-elezzjoni ghal hatriet tar-rapprezentanti li nnegozjaw l-Industrial Agreement kurrenti saret f'Gunju 1980. Dawk l-elezzjonijiet saru fil-pubbliku u l-voti gew maghduda quddiem ix-xhieda. Wara dik l-elezzjoni nzammet ohra bejn April 1981 u Gunju 1981 biex jintela' post li safa' vakanti. F'din l-elezzjoni partikulari nghaddew 45 vot invalidi. Ix-xhud li kien prezenti fil-fabbrika waqt l-elezzjoni qal illi meta l-haddiema marru biex jivvutaw, kienu wehidhom fil-kamra u safejn jaf hu, ma saret ebda pressjoni.mill-membri ta' l-istaff kif jivvotaw u qatt ma sarulu lmenti komm formali jew informali li l-elezzjoni ma saretx gusta. Ix-xhud kompla jghid li fl-24 ta' Lulju ta' din is-sena kien hemm xniegha li kien se jkun hemm strike dak in-nhar wara nofs in-nhar u meta dik ix-xniegha ikkonfermahielu s-Sur Tagliaferro u qallu li r-raguni kienet imhabba t-tlett tfajliet li x-xhud kien kecca u li ma riedx jerga' jimpjegahom. Is-Sur Tagliaferro qal lix-xhud illi kieku rega' mpjega lit-tlett tfajliet, seta' gie evitat l-istrajk ghaliex kien hemm fabbriki ohra li regghu impjegaw nies li kienu keccew. Ix-xhud kompla qallu illi kieku huma riedu jehilsu mit-tfajliet kienu jaqbdu u jkeccu tfajliet li kienu ghadhom matul iz-zmien ta' prova (probation period) izda dan qatt ma ghamluh. Peress li s-Sur Tagliaferro kien ic-Chief Shop Steward tal-fabbrika, ix-xhud qallu li jirrendieh responsabbli ghal hsarat li setghu jiggarrbu permezz ta' atti ta' vjolenza li setghet tinqala' waqt l-istrajk.

Is-Sur Dodebier qal illi hu ffirma l-warnings kollha li huma konnessi mal-produzzjoni u "absenteism", ghalhekk qabel ma ha d-decizjoni biex jittermina l-impieg tas-Sinjorina Falzon hu kien jaf bir-"written warnings" kollha li hi kien diga' ghandha.

Nhar il-5 ta' Gunju, 1981, kellem lill-appellant fil-presenza tas-Sinjorina Attard u s-Sur Bianchi u qalilha li hi kienet marret kontra r-regolamenti tal-kumpanija u meta staqsieha jekk kelliex xi haga xi tghid, hi caqilqet rasha (nodded her head) u wara taha "statement" li fih kien hemm elonkati l-"warnings" kollha. Kopja ta' dan l-istatement intbaghtet lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghol dak in-nhar stess.

Il-"minimum standards" tal-produttivita' li ghandhom hawn Malta huma ta' l-istess livell li huma accettati fl-industrija internazzjonali tat-tabakk. Dawn l-istandards kienu gew introdotti hawn Malta fis-sena 1975 mill-predecessur tieghu li kien engineer kwalifikat fil-"work and Motion Studies" u dan ghadu jzur Malta perjodikament biex jara jekk l-istandards ghadhomx jigu mizmuma.

Ix-xhud ikkonferma li hu kien joghmilha ta' Chairman ta' l-Advice Committee.

Is-Sur Dodebier qal ukoll illi ghalkemm il-procedura kienet li kulhadd seta' jistaqsi l-"Committee" ghal rapprezentanza f'kazijiet ta' dixxiplina, f'kazi ta' tkeccija, uhud mit-tfajliet ma kienux iridu lil hadd ikun jaf ir-raguni tat-tkeccija.

Anke fil-prezent li l-General Workers' Union ghandha r-"recognition", certu tfajliet jippreferu li ma jkollhom lil hadd biex jiddefendihom.

Fil-kaz tas-Sinjorina Falzon, ix-xhud qal li ma staqsihiex jekk riedetx ghajnuna jew le.

Ix-xhud ikkonfermat illi xi granet wara t-tkeccija tas-Sinjorina Falzon, is-Sur Angelo Bartolo, Segretarju tal-General Workers' Union kien insista mieghu biex jiddiskuti t-tkeccija ta' l-appellant, izda hu kien irrifjuta li jaghtih ic-cans li jiddefendiha ghaliex ma kienx jirrikonoxxieh (bhala Segretarju tal-G.W.U.)

Il-General Workers' Union giet rikonoxxuta mill-Kumpanija fl-ewwel ta' Lulju 1981.

<u>Miss Marvic Attard</u> qalet li quddiema hadd qatt ma tella' nies il-ghaliex kienu Membri tal-General Workers' Union u sa fejn taf hi l-anqas tressqu nies quddiem Section Heads ghaliex kienu Membri tal-Union.

Ix-xhud innegat li hi jew xi superjuri ohra tal-kumpanija qatt poggew nies ghassa ghal dawk li huma Membri tal-GWU ghaliex mihiex il-policy tal-kumpanija li tahdem bl-ghassa li ghaliha kien qieghed jirreferi s-Sur Bartolo. Is-Sinjorina Attard kompliet tghid illi waqt l-elezzjoni ghal Advice Committee, il-Management kien jimmonotarizza l-procedura izda mhux jiehu parti fiha.

Wara li x-xhud spjegat fid-dettal il-procedura tal-votazzjoni u l-ghadd tal-voti, hi qalet illi waqt l-elezzjoni, kienet tkun vicin il-kamra tal-votazzjoni izda dahra kien ikun lejn dik il-kamra. Is-Sinjorina Attard qalet illi ma jidhirlix li ghamlet pressjoni fuq is-Sur Carmelo Tagliaferro biex jivvota, kull ma qaltlu kien "Idhol itfa vot vojt," u meta hu rrifjuta jidhol jivvota hi qaltlu "All right tidholx" dan ma kienx wahdu li ma vvotax. Hi spiccat ix-xhieda taghha billi qalet illi

mhux il-kompitu taghha u l-anqas mhu xogholha illi hi thajjar lill-haddiema biex jinghaqdu f'Union differenti minn dik tal-General Workers' Union.

SOTTOMISSJONIJIET FINALI:

Is-Sur Angelo Bartolo ssottometta ghas-Sinjorina Carmen Falzon li wahda mir-ragunijiet tat-tkeccija taghha kienet ghaliex kienet Membru tal-General Workers' Union. Il-Management qajjem il-kaz ta' meta l-appellant kienet involuta f'incident mas-Sinjorina Carmen Bugelli. Mix-xhieda li pprroduciet il-kumpanija rrizulta li s-Sinjorina Bugelli kienet l-ewwel li refghet idejha fuq is-Sinjorina Falzon izda minkejja dan l-att aggressiv tas-Sinjorina Bugelli, il-Management dawwar il-htija fuq is-Sinjorina Carmen Falzon.

Is-Sur David Bianchi - Department Head, li permezz tieghu, l-appellant irceviet written warning minhabba l-livell baxx ta' produzzjoni, irrizulta li dan mhux xi engineer ikkwalifikat fit-"time study", perkonsegwenza l-appellant ghandha dubbju taghha fuq l-"accuracy" u l-validita tal-Production Sheet. Ghalkemm it-tabib tal-kumpanija, Dr L. Deguara cahad illi hu kien qal lis-Sinjorina Falzon biex tmur ghax-xoghol l-ghada minhabba li diga' kienu saru 1.30p.m. u anke ghaliex hi kienet ghadha m'hijiex f'sikkitha, is-Sinjura Lora Falzon fil-konfront li kellha ma Dr. Deguara ikkoroborat dak li xehdet l-appellant ghaliex hi kienet prezenti meta Dr Deguara mar id-dar tas-Sinjorina Carmen Falzon. Is-Sinjura Lora Falzon ziedet tghid illi t-tabib qalla wkoll biex tavza dak il-hin stess lill-fabbrika biex tidhol l-ghada, kif fil-fatt ghamlet is-Sinjura Lora Falzon stess. L-appellant ziedet tghid fis-sottomissjonijiet finali li meta s-Sur Angelo Bartolo sar jaf bit-tkeccija tas-Sinjorina Falzon, ttelefona lis-Sur F. Lodebier biex

jidher ghaliha izda s-Sur Dodebier rrifjuta t-talba tieghu ghaliex qallu li hu (Sur Bartolo) ma jirrapprezentax membri fil-fabbrika tieghu. Rigward l-Industrial Agreement li l-kumpanija ghandha ma' l-Advice Committee, l-appellant isostni li l-Advice Committee ma giex elett fil-poter demokratikament skond kif tipprovdi l-ligi, ghar-raguni li l-elezzjoni giet organizzata mill-Management u certi Membri ta' l-istess Management ghamlu pressjoni qawwija fuq il-haddiema biex dawn imorru jivvutaw u bil-presenza taghhom influwenzawhom waqt l-elezzjoni. Per konsegwenza dan l-Industrial Agreement m'ghadux validu. Raguni ohra hi, li s-Sur F. Dodebier kien ic-Chairman ta' l-Advice Committee minghajr dan ma kkontesta l-elezzjoni.

In vista ta' dawn il-fatti jidher car kemm verament li t-tkeccija tas-Sinjorina Carmen Falzon ma kienetx ghal raguni valida u gusta.

Finalment, gie sottomess illi jekk it-Tribunal jiddeciedi li l-Agreement bejn il-kumpanija u l-Advice Committee huwa validu, allura l-appellant tirriserva d-dritt li l-kaz jerga' jinfetah mill-gdid biex jingiebu aktar xhieda.

<u>Ghall-Kumpanija</u> Is-Sur Dodebier u s-Sinjorina Marvic Attard issottomettew illi l-kumpanija dejjem imxiet mas-Sinjorina Carmen Falzon minghajr diskriminazzjoni ghal dak li jirrigwardja n-nuqqasijiet taghha. L-ewwel bdiet tinghata verbal warnings bhal ma kienu fil-kazijiet ta' l-"absenteism" u l-produzzjoni baxxa u wara giet moghtija zewg written warnings fuq il-produzzjoni baxxa nhar il-14 ta' Ottubru 1980 u 5 ta' Frar 1981; izda minkejja dan l-appellant baqghet ma lahqetx il-livell ta' produzzjoni rikjest mill-kumpanija.

Il-glieda li s-Sinjorina Falzon kienet involuta fiha, ma kienetx xi glieda li nqalghet spontanjament, imma kienet ilha gejja ghaliex l-appellant kienet ilha tghajjeb u tkellem hazin lit-tfajliet l-ohra; u f'dan il-kaz din giet nghotija written warning minhabba l-provokazzjoni u biex incident bhal dan ma jergax jirrepeti ruhu.

L-ewwel jumejn li s-Sinjorina Falzon kienet niaqsa minn fuq ix-xoghol fit-2 u t-3 ta' Gunju 1981, ma ntbaghatx it-tabib tal-kumpanija u ghalhekk dawn il-jumejn kienu gew trattati awtomatikalment paid sick leave u thallset taghhom. Nhar l-4 ta' Gunju 1981, intbaghat it-tabib u s-Sinjorina Falzon ma gietx iccertifikata ghaliex fl-opinjoni professjonali tieghu hi setghet marret ghax-xoghol izda l-appellant ma riedetx tmur ghaliex ix-shift kien jispicca fl-4.15p.m. Dan l-atteggjament li hadet l-appellant imur kontra r-regolamenti tal-kumpanija li jittrattaw specifikament fuq kazi ta' mard mhux certifikat mit-tabib tal-kumpanija. Dawn ir-regolamenti s-Sinjorina Falzon kienet tafhom sewwa, ghaliex din kienet diga hadet verbal warning fuq l-istess ksur ta' regolamenti u anke meta s-Sinjura Falzon ittelefonat il-fabbrika, il-Personnel Manager baghtet tfakkar lill-appellant b'dan l-obbligu. L-impieg tas-Sinjorina Falzon ma giex terminat ghax ma dahletx ghax-xoghol fl-4 ta' Gunju 1981 biss, izda minhabba sensiela ta' nuqqasijiet migbura flimkien u dan jidher car mill-ittri li l-Management taha nhar l-4 ta' Gunju 1981. Il-Kumpanija sostniet illi s-Sinjorina Falzon qatt ma staqsiet ghall-ghajnuna ta' xi hadd biex jiddefendiha u wkoll cahdet li kien hemm xi persuna li cemplet lill-General Manager. Il-kumpanija l-anqas kellha l-obbligu li tittratta l-kaz ta' l-appellant mal-General Workers' Union ghaliex din il-Union bhala rapprezentanta tal-maggoranza kellha recognition fl-1 ta' Lulju, 1981.

Il-General Manager wasal ghad-decizjoni tieghu ghax ma kellux mezz iehor miftuh ghall-kumpanija. Ghaldaqstant il-kumpanija thoss li l-impieg tas-Sinjorina Falzon gie terminat ghar-ragunijiet tajba u sufficjenti skond il-ligi.

KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-"terms of remit" lit-Tribunal kienu biex dan jiddeciedi jekk it-tkeccija tas-Sinjorina Carmen Falzon mill-impieg taghha ma' l-Agio Tobacco Company Limited kienetx ingusta, jigifieri jekk it-tkeccija mill-impieg kienetx ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

It-Tribunal ghalhekk ikollu jiskarta kwistjonijiet u sottomissjonijiet li mhumiex relevanti ghat-tkeccija tas-Sinjorina Carmen Falzon u sejjer, kif inhu marbut li jaghmel bil-ligi, jillimita ruhu ghal meritu tal-kaz li gie riferit lilu ghad-decizjoni tieghu.

Ir-ragunijiet tal-kumpanija li ressqet biex jiggustifika t-tkeccija mill-impieg tas-Sinjorina Carmen Falzon kienu :

A) Ghan-nuqqas ta' efficjenza fil-produzzjoni;

B) Ghall-imgieba taghha;

C) Ghall-assenza minn fuq ix-xoghol minghajr permess.

A) Mid-dokument "Levels of Production in the Wrapper Department" ghal perijodu 5 ta' Mejju 1980 - 29 ta' Mejju 1981, li gie sottomess, jirrizulta lit-Tribunal li :-

i) Minn 53 gimgha ta' xoghol, l-appellant ma rnexxielhiex tilhaq il-"minimum level" ghal 37 gimgha.

/26. .....

ii) Il-"minimum level" ghal matul l-istess perijodu kien .............................. 6095 "Units"
Livell attwali ottenut mill-appellant 5875

220 : 3.60% taht il-minimum

iii) "Average Production Level" tad-dipartiment .................... 6990 "Units"
Livell attwali ta' l-appellant .... 5870

1120 : 16.02% taht l-Average Production Level

iv) "Average Production Level" attwali tad-dipartiment kollu ........... 6990
"Minimum Level" accettabbli ...... 6095

895 : 14.68% fuq il-Minimum (accettabbli) Level

Minn dawn ir-rizultati dettaljati wiehed jasal ghal konkluzjoni minghajr ebda dubbju li l-appellant kellha "performance" ta' xoghol baxx.

B) Minn tfajliet ta' eta' bhal dik tas-Sinjorina Falzon wiehed ma' jistax jippretendi li kull tant ma tinqalax xi tilwima, pika u schansitra xi glieda bejniethom. Izda il-Management f'cirkostanzi bhal dawn ghandu l-obbligu li wara li jinvestiga bir-reqqa kollha, jiehu passi dixxiplinarji kemm bhala kastig u kemm bhala deterrent biex incidenti ta' glied jigu evitati kemm jista' jkun.

Mix-xhieda ma rrizultax li l-glieda tas-7 t'April 1981, bdiet s-Sinjorina Falzon, izda mid-dikjarazzjonijiet ta' tfajliet impjegati ohra li gew sottomessi lit-Tribunal, irrizulta li s-Sinjorina Falzon kienet ilha tipprovoka lis-Sinjorina Bugelli u ghal din ir-raguni kemm is-Sinjorina Falzon u kemm is-Sinjorina Bugelli gew moghtija "written warning."

C) Ix-xhieda ta' Dr. Deguara, is-Sinjura Lora Falzon u l-appellant ma' taqbilx ghal dak li jirrigwardja x'intqal meta Dr Deguara mar jinvista lis-Sinjorina Carmen Falzon nhar l-4 ta' Gunju, 1981, u ccertifikaha "fit for Duty today".

Hawnhekk ta' min josserva li l-Klawsola numru 18 - viii) ta' l-"Industrial Agreement" dwar il-mard tghid:-

> "Jistghu jittiehdu passi dixxiplinarji kontra min ifalli u ma jigix iccertifikat mit-tabib tal-Kumpanija minkejja l-hin li t-tabib imur jara l-impjegat. Dawn il-passi dixxiplinarji jistghu jwasslu ghat-tkeccija."

L-appellant fil-15 ta' Lulju 1980, kienet inghatat "verbal warning" billi naqset li tirraporta ghax-xoghol u meta mar it-tabib tal-kumpanija, dan ma' harigx certifikat mediku sabiex jiggustifika l-assenza taghha.

D) Meta l-General Manager tal-kumpanija temm l-impieg tas-Sinjorina Falzon nhar il-5 ta' Gunju 1981, gie stabbilit illi hu ma staqsihiex jekk riedetx lil xi hadd biex jirrapprezentaha izda minn naha ta' l-appellant anqas ma' talbet ghall-ghajnuna ta' xi hadd biex jitkellem ghaliha quddiem il-Management qabel ma tkeccíet.

AWARD

Fil-fehma tat-Tribunal wara li ezamina x-xhieda bir-reqqa kif ukoll d-dokumenti esebiti, kellu jizen ix-xhieda ta' kulhadd biex jasal ghal konkluzjoni gusta.

It-Tribunal jirrizultalu wkoll li s-Sinjorina Carmen Falzon kellha rekord ta' htijiet u ta' tmien (8) twissijiet li kienu saru qabel ma tkecciet, u t-Tribunal ma' jistax jasal ghal decizjoni minghajr ma' jaghti kaz ukoll ta' l-imgieba ta' l-appellant antecedenti tat-tkeccija taghha. Mill-provi migjuba jirrizulta li kemm ghal dik li hija produzzjoni u kemm f'affarijiet ohra, l-appellant kellha twissijiet xierqa kemm verbali u kif ukoll bil-miktub.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija mill-impieg tas-Sinjorina Carmen Falzon mill-Employers taghha, l-Agio Tobacco Company Limited kienet ghal ragunijiet gusti u sufficjenti skond il-ligi u b'hekk it-Tribunal qieghed jaqta' u jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A. DEBONO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

17 ta' Novembru 1981.

em